# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-11 ta' Dicembru 2023**

**Rikors Nru : 431/2023 JPG**

**Kawza Nru : 29**

**TD**

**vs**

**MDM u B'digriet tad-9 ta' Novembru 2023 l-isem tal-intimata jrid jinqara MM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attrici datat l-1 t'Awwissu 2023, vide fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi, l-kontendenti żżewġu fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) ġewwa DI, liema żwieġ ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fis-sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) liema ċertifikat għandu n-numru progressiv 2452/2011(Dok 'A');*

2. *Illi, miż-żwieġ tal-kontendenti ma twieldu l-ebda ulied;*

3. *Illi, l-kontendenti nfirdu personalment in forza tal-att pubbliku datat it-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, li ġie insinwat fid-disa' ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) (Dok. 'B').*

4. *Illi, b'hekk, illum il-kontendenti ilhom ma jgħixu flimkien għal aktar minn erba' (4) snin u ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom;*

5. *Illi, permezz ta' klawżola numru 4 tal-kuntratt ta' separazjoni personali msemmi iktar 'l fuq, il-Partijiet iddekadew mid-dritt tagħhom li jirċievu manteniment mingħand xulxin u għaldaqstant l-ebda manteniment m'hu dovut bejniethom;*

6. *Illi, għaldaqstant, ir-rekwiżiti imposti mil-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinstabu ampjament sodisfatti;*

7. *Illi, l-kontendenti huma domiċiljati Malta.*

8. *Illi, l-esponenti jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors bil-ġurament tiegħu permezz tal-Affidavit immarkat bħala Dok 'Ċ'.*

*Għaldaqstant, u in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia, l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien minnha stabbilit, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita u li ddikkjarat li ma tehtiegx ghajnuna legali u mhux qed toggezzjona ghad-divorzju. (Vide Fol 42)

Rat u semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tad-9 ta' Novembru 2023 (Vide Fol 42) fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx iktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u jistiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 19) illi l-partijiet izzewgu nhar il-31 t'Ottubru 2011, u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Sostna illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono fit-18 ta' Dicembru 2019. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (Vide Fol 43 et seq) u kkoroborat u kkonfermat ma dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas***

***sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 t'Ottubru 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 2452/2011 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 22). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono data 18 ta' Dicembru 2019. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2452/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**